GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

**ĊIRKULARI**

Referenza: DELH 051/2026

Mingħand: L-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

Lil: Diretturi Ġenerali
Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni
Chairpersons / Uffiċjali Eżekuttivi Ewlenija
Diretturi / Assistenti Diretturi
Kapijiet tal-Kulleġġi
Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji (Stat, Knisja u Indipendenti)
Uffiċjali Edukattivi / Kapijiet tad-Dipartiment
Ħaddiema (MES)

Suġġett: Attività Kurrikulari tal-10 sena fl-Imdina għal Jum Dun Karm

Data: 29 ta' Settembru 2026

---

**1.Tifkira ta'Jum Dun Karm (għall-iskejjel sekondarji biss)**

**It-Tnejn, 19 ta' Ottubru u t-Tlieta, 20 ta' Ottubru 2026**, id-Dipartiment tal-Malti fi ħdan id-Direttorat tas-Snin Bikrin, Lingwi u Suġġetti Umanistiċi se jorganizza attività biex ifakkar lill-poeta nazzjonali. Din l-attività se ssir ġewwa l-**Imdina** u se jkollha rabta diretta mas-sillabu l-ġdid tal-10 sena fis-Sekondarja.

Se ssir **attività interattiva bil-poeżija 'Għaliex?'** biswit **il-Katidral tal-Imdina**. Mhux biss se jitgħallmu l-poeżija b'mod interattiv iżda wkoll se joħorġu l-aspetti patrijottiċi u lingwistiċi tal-poeta. Se ssir ukoll żjara **fil-Mużew tal-Katidral** fejn se jżuru l-kamra ddedikata lil Dun Karm (Il-filmat ta' Dun Karm inħadem ukoll għal min hu nieqes mis-smigħ, billi jara l-kliem, u għal min hu nieqes mid-dawl jista' jisma' l-kliem. B'hekk il-Mużew stess ħa l-fattur tal-inklussività bis-serjetà).

Wara se jintwera filmat fuq il-poeta nazzjonali, Dun Karm, u jsir kwiżż bejn l-istudenti. L-istudenti se jkollhom ukoll l-opportunità unika li jżuru **l-mużew tal-arkivji**, fejn se jintwerew materjal antik konness ma' Malta u dokumenti li fihom kliem jew kitbiet antiki bil-Malti.

L-attività għandha tieħu madwar sagħtejn. Se jsiru **ŻEWĠ** sessjonijiet; **fid-9.15 (tliet skejjel) u fil-11.00 (tliet skejjel)**.

Kull skola hija mitluba li tibgħat klassi waħda biss u li tingħażel data u sessjoni meta se jattendu. Se jiġu aċċettati l-ewwel **SITT** skejjel li japplikaw.

**2. Il-Bijografija ta' Dun Karm biex tinqara l-Ġimgħa, 16 ta' Ottubru 2026**
**(għall-iskejjel primarji, medji u sekondarji)**

Jumejn qabel Jum Dun Karm, il-Ġimgħa, 16 ta' Ottubru, l-iskola tiegħek jixraq li tfakkar lill-Poeta Nazzjonali waqt il-laqgħa ta' filgħodu billi tinqara l-bijografija tiegħu (ara *Hemża A* maċ-ċirkolari) u xi poeżiji (jistgħu jintgħażlu minn *Hemża B*).

**3. L-Innu ta' Filgħodu u riżorsi oħra fis-sit tal-Malti**
**(għall-iskejjel primarji, medji u sekondarji)**

Fis-sit tal-Malti http://malti.skola.edu.mt hemm taqsima sħiħa fuq Dun Karm. Fiha hemm preżentazzjoni bil-*powerpoint* b'ritratti minn ħajtu. Dan jista' jintuża fil-klassijiet. Fis-sit hemm ukoll l-*Innu ta' Filgħodu* (*Reġa' sebaħ ja Mulejja ...*) ta' Dun Karm, b'mużika tas-Surmast Ġużeppi Caruana, għal min irid jużah fl-iskejjel u fil-klassijiet biex ifakkar dan il-jum.

Grazzi tas-sapport u l-koperazzjoni tagħkom,

**Dr. Alice Micallef**
**Direttriċi**
**Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi**